PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2007/2154(INI)

30.10.2008

EMENDI
1 - 18

Abbozz ta' rapport
Marco Cappato
(PE413.977v01-00)

dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni,
(implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001)
(2007/2154(INI))

AM_Com_NonLegReport

Emenda 1
Marco Cappato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Ċitazzjoni 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-Artikolu 10 u 16 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea hekk kif emendat mit-Trattat ta' Liżbona u l-Artikoli 15 u 298 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,	– wara li kkunsidra l-Artikolu 10 u 16 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea hekk kif ***għandu jiġi*** emendat mit-Trattat ta' Liżbona u l-Artikoli 15 u 298 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Or. en

Emenda 2
Marco Cappato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Ċitazzjoni 6 a (new)]

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1700/2003 tat-22 ta' Settembru 2003 li jemenda r-Regolament (KEE, Euratom) Nru 354/83 dwar il-ftuħ għall-pubbliku tal-arkivji storiċi tal-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Energija Atomika[1]

Or. en

Emenda 3
Marco Cappato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

[1] ĠU L 243, 27.9.2003, p. 1.

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-Kunsill ***ma jinkludix b'mod sistematiku fil-proċedura leġiżlattiva referenzi għad-dokumenti tiegħu***, b'hekk isir diffiċli biex dokument jiġi assoċjat ma' proċedura, filwaqt li jew ibaxxi dokumenti għal "dokument ***ta' sessjoni***" li mhumiex reġistrati, jew jittrattahom bħala dokumenti "diplomatiċi", b'hekk ineħħi d-dritt taċ-ċittadini għall-aċċess ta' dokumenti,	E. billi l-Kunsill ***idaħħal in-numru ta' referenza istituzzjonali f'għadd limitat ta' dokumenti biss, u dan imur kontra l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, u*** b'hekk isir diffiċli biex dokument jiġi assoċjat ma' proċedura, filwaqt li jew ibaxxi dokumenti għal "dokument ***tal-kamra***" li mhumiex reġistrati, jew jittrattahom bħala dokumenti "diplomatiċi", *u* b'hekk ineħħi d-dritt taċ-ċittadini għall-aċċess ta' dokumenti,

Or. en

Emenda 4
Marco Cappato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi skont il-Prmessa 6 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, l-aċċess għandu jingħata wkoll għal dokumenti prodotti skont il-proċedura ta' delegazzjoni tas-setgħat (komitoloġija) u billi disgħin fil-mija tal-leġiżlazzjoni prodotta tiġi adottata skont dik il-proċedura u, għaldaqstant, għandu jiġi garantit bis-sħiħ skrutinju Parlamentari u demokratiku xieraq u trasparenti fi ħdan dak il-qafas,

Or. en

Emenda 5
Marco Cappato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jappella b'urġenza lill-istituzzjonijiet tal-UE biex japplikaw ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 fid-dawl tal-każistika reċenti u b'mod partikulari fid-dawl tal-kawża Turco bl-implikazzjonijiet kollha tagħha (il-pubblikazzjoni tal-opinjonijiet tas-servizz legali, l-interpretazzjoni stretta tal-eċċezzjonijiet, l-obbligu li jkun provdut rendikont dettaljat tar-raġunijiet għaċ-ċaħda, *etc*) u jistieden lill-Kunsill sabiex biex jiżgura *wkoll* li d-dokument u l-informazzjoni kollha jkunu pubbliċi, kif ukoll fil-gruppi ta' ħidma tiegħu, peress li l-konklużjonijiet tal-ECJ rigward il-fatt li l-eċċezzjoni tal-protezzjoni tad-data rigward il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet titlef l-importanza fid-dawl tal-interess pubbliku fit-trasparenza *japplikaw ukoll* - minħabba li opinjonijiet differenti dwar att leġiżlattiv jippermettu li jkun hemm aktar leġittimità għall-istituzzjonijiet;	3. Jappella b'urġenza lill-istituzzjonijiet tal-UE biex japplikaw ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 fid-dawl tal-każistika reċenti u b'mod partikulari fid-dawl tal-kawża Turco bl-implikazzjonijiet kollha tagħha***, speċjalment fil-proċedimenti leġiżlattivi*** (il-pubblikazzjoni tal-opinjonijiet tas-servizz legali, l-interpretazzjoni stretta tal-eċċezzjonijiet, l-obbligu li jkun provdut rendikont dettaljat tar-raġunijiet għaċ-ċaħda, *eċċ.*) u jistieden *ukoll* lill-Kunsill sabiex ***jirrevedi r-regoli tiegħu*** biex jiżgura li ***d-diskussjonijiet, id-dokumenti*** u l-informazzjoni kollha jkunu pubbliċi, *inkluża l-identità tad-delegazzjonijiet tal-Istati Membri fil-Kunsill* kif ukoll fil-gruppi ta' ħidma ***u l-gruppi ta' esperti*** tiegħu ***u biex jagħmel traskrizzjoni tal-laqgħat pubbliċi tiegħu***, peress li l-konklużjonijiet tal-ECJ rigward il-fatt li l-eċċezzjoni tal-protezzjoni tad-data rigward il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet titlef l-importanza *tagħha* fid-dawl tal-interess pubbliku fit-trasparenza - minħabba li opinjonijiet differenti dwar att leġiżlattiv jippermettu li jkun hemm aktar leġittimità għall-istituzzjonijiet - *japplikaw ukoll f'dan il-każ*;

Or. en

Emenda 6
Marco Cappato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3 a (new)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jiddefinixxu regoli komuni dwar il-mod li għandhom jitwettqu l-proċeduri amministrattivi u dwar kif id-dokumenti

amministrattivi għandhom jiġu mressqa, ikklassifikati, deklassifikati, irreġistrati u mxerrda ġewwa u barra l-istituzzjonijiet, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li l-prinċipju ta' trasparenza ma jistax jinfired mill-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba kif ipproklamat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; fl-istess perspettiva, ir-Regolament (KEE, Euratom) Nru 354/83 għandu jiġi integrat fl-ambitu tar-reviżjoni tar-Regolament 1049/2001 sabiex jiġu inklużi definizzjonijiet dwar arkivji ħajjin, intermedji u storiċi sabiex jiġu evitati l-inkonsistenzi attwali bejn il-prattiki tal-istituzzjonijiet tal-UE u dawk tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 7
Marco Cappato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jemmen li l-Parlament għandu jkun minn tal-ewwel fil-pubbliċità, fit-trasparenza u fil-ftuħ fl-UE, u li qabel l-elezzjonijiet Parlamentari tal-2009 għandu jniedi pjan ta' azzjoni straordinarju biex jiżgura li jkun hemm disponibbli aktar informazzjoni aċċessibbli b'mod atkar faċli, ***b'mod partikulari*** fuq il-websajt tiegħu, dwar:	4. Jemmen li l-Parlament għandu jkun minn tal-ewwel fil-pubbliċità, fit-trasparenza u fil-ftuħ fl-UE, u li qabel l-elezzjonijiet Parlamentari tal-2009 għandu jniedi pjan ta' azzjoni straordinarju***, pereżempju fi ħdan il-qafas tal-inizjattiva e-Parliament,*** biex jiżgura li jkun hemm disponibbli aktar informazzjoni aċċessibbli b'mod atkar faċli, b'mod partikulari fuq il-websajt tiegħu, dwar:
-l-attivitajiet *tal-MEPs*, il-parteċipazzjoni u l-attendenza fil-ħidma tal-parlament, f'termini assoluti, relattivi u f'persentaġġi, jkunu aċċessibbli għaċ-ċittadini wkoll	- l-attivitajiet, il-parteċipazzjoni u l-attendenza *tal-MEPs* fil-ħidma tal-parlament, f'termini assoluti, relattivi u f'persentaġġi, *li* jkunu aċċessibbli għaċ-ċittadini wkoll permezz tal-kriterji ta'

permezz tal-kriterji ta' tiftix[1],	tiftix[1],
- l-attivitajiet tal-Parlament fil-plenarja ***u*** fil-kumitati: l-*Osservatorji* Leġiżlattiv għandu jittejjeb billi jiġu inklużi referenzi u links għad-dokumenti rilevanti[1]; il-ħidma tal-kumitati għandha tkun *trasmessa* fuq il-websajt tal-Parlament l-istess bħal ma jsir fil-każ tal-ħidma tal-plenarja, u rreġistrata wkoll biex tkun disponibbli u aċċessibbli miċ-ċittadini permezz tal-kriterji tat-tiftix,	- l-attivitajiet tal-Parlament fil-plenarja, fil-kumitati***, fid-delegazzjonijiet u fil-korpi interni***: *l-Osservatorju* Leġiżlattiv għandu jittejjeb billi jiġu inklużi referenzi u links għad-dokumenti rilevanti[2]; il-ħidma tal-kumitati ***u tad-delegazzjonijiet*** għandha tkun *trażmessa* fuq il-websajt tal-Parlament l-istess bħal ma jsir fil-każ tal-ħidma tal-plenarja, u rreġistrata wkoll biex tkun disponibbli u aċċessibbli miċ-ċittadini permezz tal-kriterji tat-tiftix, ***il-korpi interni (bħall-Konferenza tal-Presidenti, il-Bureau, il-Kwesturi, il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riforma Parlamentari, eċċ.) għandhom jippromwovu u jiżguraw l-ogħla livell ta' trasparenza tal-ħidma tagħhom vis-a-vis membri u ċittadini oħra billi jagħmlu disponibbli d-dokumenti kollha tagħhom;***
- l-allowances u l-infiq tal-MEPs, skont il-pożizzjoni meħuda mill-Ombudsman Ewropew f'dak li jirrigwarda l-fatt li l-aċċess għall-informazzjoni għandu japplika wkoll għal data bħal din[2],	- l-allowances u l-infiq tal-MEPs, skont il-pożizzjoni meħuda mill-Ombudsman Ewropew f'dak li jirrigwarda l-fatt li l-aċċess għall-informazzjoni għandu japplika wkoll għal data bħal din[3]***, kif ukoll id-dikjarazzjonijiet kollha ta' interessi finanzjarji tal-MEPs kollha, u din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE,***

[1] Bħalma huma: kemm il-jum kien preżenti MEP fil-PE u fejn iffirma u/jew ivvota, kif ukoll kif u meta issir il-votazzjoni permezz tas-sejħa tal-ismijiet, fil-plenarja u fil-kumitati; għal liema laqgħat ta' entitatjiet istituzzjonali huwa ipparteċipa, plenarja u/jew kumitati u/jew delegazzjoni, etc; id-data għandha tkun disponibbli wkoll permezz ta' kriterji ta' riċerka, bħall-isem tal-MEP/plenarja/kumitat/delegazzjoni/votazzjoni/preżenza/jum/xhar/sena/leġiżlatura/etċ, u għandhom ikunu inklużi links għal din il-websajt fil-websajts tal-MEPs u f'websajts oħra rilevanti; Il-websajts tal-MEPs għandhom jinkludu din l-informazzjoni kif uwkoll l-isem tal-assistenti, l-opinjonijiet li ngħataw, l-emendi mressqa fil-kumitat u fil-plenarja u atti oħra, spjegazzjonijiet dwar il-votazzjoni, l-intervenzjonijiet awdjoviżivi***, id-dikjarazzjonijiet bil-miktub iffirmati, inkluża l-lista tal-firmatarji kollha,*** etċ.

[2] Proċeduri u dokumenti fil-kumitat bħall-ewwel rapport u l-emendi, l-opinjonijiet minn kumitati oħra, l-opinjonijiet tas-servizzi legali, l-emendi mressqa fil-plenarja, il-votazzjoni permezz tas-sejħa tal-ismijiet, l-ittri interistituzzjonali, b'mod partikulari dawk marbuta mal-proċeduri leġiżlattivi, fuq il-livell tal-kumitati u tal-plenarja, etċ.

[3] Abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Ombudsman Ewropew lill-Parlament Ewropew fl-ilment 3643/2005/(GK)WP.

u jistieden lill-Istati Membri, *lill-parlament* nazzjonali *u* kif ukoll lil korpi *oħra eletti* biex jagħmlu l-istess billi jistabbilixxu Reġistru tal-attivitajiet tal-parlament u tal-membri parlamentari;	u jistieden lill-Istati Membri, *lill-parlamenti* nazzjonali kif ukoll lil korpi *eletti oħrajn* biex jagħmlu l-istess billi jistabbilixxu Reġistru tal-attivitajiet tal-parlament u tal-membri parlamentari;

Or. en

Emenda 8
Marco Cappato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5 a (new)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Iqis li l-kisba ta' dokumenti u informazzjoni tkun eħfef jekk id-dokumenti stess jiġu mressqa, irreġistrati u użati mill-ġdid minn istituzzjonijiet leġiżlattivi oħrajn (pereżempju għal referenzi għal verżjonijiet differenti tal-istess dokument, l-emendi, l-annessi u l-korriġenda tiegħu)[1] permezz tal-użu ta' "open source word processors", multilingwiżmu effettiv u teknoloġiji li jippermettu wkoll lill-persuni b'diżabilità sabiex jiksbu aċċess għal informazzjoni u dokumenti , kif issuġġerit mill-Kummissjoni lill-Istati Membri fil-Komunikazzjoni tagħha dwar soluzzjonijiet ta' interoperabilità għall-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej (ISA) (COM(2008)0583) u kif previst fid-Direttiva 2003/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku[2]);

Or. en

[1] Attwalment dan mhuwiex il-każ minħabba li l-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill isegwu prattiki differenti.
[2] ĠU L 345, 31.12.2003, p. 90.

Emenda 9
Marco Cappato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5 b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5b. Jemmen li l-kisba ta' aċċess għal informazzjoni relatata mal-Istituzzjonijiet Ewropej għadha biċċa xogħol mimlija xkiel għaċ-ċittadini ordinarji minħabba n-nuqqas ta' politika interistituzzjonali ta' trasparenza u komunikazzjoni effettiva u orjentata lejn iċ-ċittadin; iqis li indipendentement mill-punt ta' aċċess, iċ-ċittadini tal-UE għandhom ikunu jistgħu jsibu proċedura leġiżlattiva jew amministrattiva partikulari u jaċċessaw id-dokumenti kollha relatati magħha [1]; kif meħtieġ sa mill-2001, għandu jiġi definit pjan direzzjonali interistituzzjonali għat-titjib, is-simplifikar u l-ikkompletar tar-reġistri u l-paġni fuq l-Internet tal-istituzzjonijiet u dawn għandhom ikunu interoperabbli; l-istituzzjonijiet li jimmiraw biex imexxu l-iżvilupp ta' tekniki relatati mas-servizzi elettroniċi tal-gvern għandhom ikunu jistgħu u għandhom ikunu lesti joħolqu magna tat-tiftix interistituzzjonali li tiffaċilita iktar l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti u għall-informazzjoni;

Or. en

[1] Bħall-proposta oriġinali, il-minuti tal-laqgħat, ir-rapporti, l-emendi, il-votazzjonijiet, ir-riżultat tal-votazzjonijiet, id-dibattiti, it-test fis-seħħ, l-implimentazzjoni fl-Istati Membri, ir-rapporti ta' evalwazzjoni, eċċ.

Emenda 10
Marco Cappato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5 c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5c. Jiddispjaċih ħafna minħabba li kuntratjament għal dak previst fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, ħafna dokumenti leġiżlattivi preparatorji għadhom mhux irreġistrati (bħad-"dokumenti tal-kamra" li l-biċċa l-kbira tagħhom jiġu diskussi fi ħdan il-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill li jiddependu mill-Coreper 1) u meta jiġu rreġistrati, ma jkollhomx il-kodiċi interistituzzjonali u għalhekk irriżulta impossibbli li jiġu integrati f'reġistru interistituzzjonali komuni bħala parti mill-proġett pilota interistituzzjonali li tnieda lura fl-2004 għal proċeduri leġiżlattivi fiż-Żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (AFSJ) (Trans-Jai); jinnota l-iskadenza l-ġdida (2010) mħabbra fil-plenarja mill-Viċi-President Wallström, u għalhekk iqis li din l-iskadenza se tintilef ukoll jekk l-istituzzjonijiet ma jagħmlux disponibbli immedjatament uffiċjal ta' kollegament li jkun jista' jdaħħal il-kodiċi interistituzzjonali meta dan ikun nieqes fid-dokument oriġinali; Is-sitwazzjoni attwali mhux biss hija ħela ta' flus pubbliċi iżda hija wkoll mod kif iċ-ċittadini jinżammu 'l bogħod mill-ħidma leġiżlattiva ta' kuljum f'oqsma sensittivi ħafna bħall-FSJA; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tantiċipa d-dħul fis-seħħ ta' din l-għodda għall-bidu tal-leġiżlatura Parlamentari li jmiss;

Or. en

Emenda 11
Marco Cappato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7, inċiż 3 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	- il-proposti leġiżlattivi kollha jkollhom magħhom evalwazzjoni tal-impatt disponibbli għall-pubbliku;

Or. en

Emenda 12
Marco Cappato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8 a (new)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jenfasizza l-fatt li l-proċeduri eżistenti għal leġiżlazzjoni delegata (l-hekk imsejħa "atti ta' komitoloġija") li jkopru disgħin fil-mija tal-atti legalment vinkolanti adottati kull sena mill-istituzzjonijiet tal-UE, għandhom jiġu riveduti u applikati b'tali mod li jiġi żgurat li l-prinċipji demokratiċi u t-trasparenza jiġu garantiti, li l-membri, il-proċedimenti u l-votazzjonijiet tal-kumitati ta' komitoloġija jiġu ppublikati u li kemm il-membri parlamentari nazzjonali u Ewropej kif ukoll iċ-ċittadini jkollhom aċċess immedjat għad-dokumenti fir-reġistru ta' komitoloġija malli jintbgħatu lill-membri tal-kumitati ta' komitoloġija (kif imwiegħed fl-2001 mill-ex Kummissarju Barnier); iqis li għandha tapplika trasparenza ikbar b'mod partikulari għall-abbozz tar-regolamenti, filwaqt li l-Parlament għandu jorganizza l-ipproċessar ta' dawn il-proposti bl-aktar mod miftuħ u trasparenti, sabiex b'hekk jiġu evitati

sitwazzjonijiet mhux ċari bħal dawk li rriżultaw b'rabta mar-regolamenti dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni fir-rigwrad tal-likwidi u l-'body scanners';

Or. en

Emenda 13
Marco Cappato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10 a (new)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri biex jippromwovu kultura amministrattiva komuni ta' trasparenza bbażata fuq il-prinċipji msemmija fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamental tal-Unjoni Ewropea, permezz tal-każistika tal-ECJ, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman Ewropew u l-aħjar prattiki tal-Istati Membri; iqis li, hekk kif diġà huwa l-każ għall-uffiċjali għall-protezzjoni tad-data, kull Direttorat Ġenerali tal-istituzzjonijiet tal-UE għandu jiżgura li d-dokumenti jiġu mressqa, rreġistrati, iddeklassifikati u mxerrda b'konsistenza mal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u r-regoli ta' proċedura tal-istituzzjonijiet ikkonċernati;

Or. en

Emenda 14
Marco Cappato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10 b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10b. Jitlob it-tnedija ta' Sena Ewropea tat-Trasparenza u l-promozzjoni ta' kampanja ta' trasparenza Ewropea fl-2009 għall-okkażjoni tal-elezzjonijiet Ewropej, sabiex iċ-ċittadini jkunu konxji mid-drittijiet tagħhom għall-aċċess għad-dokumenti tal-UE u mill-istandards tal-UE fir-rigward tal-pubbliċità, it-trasparenza u l-ftuħ, kif ukoll fl-Istati Membri;

Or. en

Emenda 15
Marco Cappato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10 c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10c. Iqis li t-trasparenza fil-livell tal-UE għandha tiġi riflessa mill-Istati Membri fit-traspożizzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-liġi nazzjonali u jistieden lill-parlamenti nazzjonali u lill-Konferenza tal-Kumitati tal-Affarijiet Komunitarji u Ewropej tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea biex jeżaminaw il-proposti li hemm f'din ir-riżoluzzjoni u biex jippromwovu reġistru tal-UE tal-attivitajiet tal-parlamenti u tal-membri parlamentari li jista' jservi biex jiżgura u jkabbar koperazzjoni u konsultazzjoni reċiproċi bejn l-UE, il-Parlament u l-parlamenti nazzjonali, permezz ukoll tal-użu tal-aħjar prattiki fir-rigward tat-trasparenza tas-servizzi elettroniċi tal-Parlament u tal-gvern;

Or. en

Emenda 16
Marco Cappato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10 d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10d. Jistieden lill-partiti politiċi u lill-gruppi politiċi parlamentari biex jippromwovu t-trasparenza u l-ftuħ internament u fil-parlamenti, pereżempju billi jxandru l-laqgħat tagħhom u billi jagħmlu programmi u dokumenti disponibbli fuq l-Internet;

Or. en

Emenda 17
Marco Cappato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10 e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10e. Jinnota t-tħassib muri fir-rigward tal-abbozz tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Aċċess għad-Dokumenti Uffiċjali mill-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa fl-Opinjoni Nru 270 (2008), u jistieden lill-Istati Membri biex jinkludu fl-abbozz tal-konvenzjoni għall-inqas l-emendi mressqa mill-membri ta' dik l-Assemblea;

Or. en

Emenda 18
Marco Cappato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10 f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10f. Jistieden lill-Kunsill Ewropew u lill-ECJ (dan tal-aħħar fir-rigward tal-funzjonijiet amministrattivi tiegħu), li huma l-uniċi żewġ korpi li għadhom mhux qed japplikaw ir-Regolament 1049/2001 għad-dokumenti tagħhom, sabiex jirriflettu u jieħdu azzjoni xierqa biex jirranġaw din is-sitwazzjoni;

Or. en